# L-istatwarju Karlu Darmanin
## (1825-1909)



Karlu Darmanin twieled gewwa l-Isla fit-30 t'awwissu 1825 minn guzeppi u Maria Cumbo, mghammed fil-Bazilika ta' Maria Bambina l-Isla. Hutu kienu Filippu, Maria Carmela, Maddalena u Ganni, dan tal-ahhar kien skultur u kien jahdem ma' Karlu flimkien ma' missierhom Guzeppi,fid-ditta msejha Giuseppe Darmanin e Figli

Karlu kien mizzewweg lill-mara tieghu Anetta Ready li kienet skocciza fejn iz-zwieg taghhom sar qabel l-1849. Dan nafuh ghaliex l-ewwel tarbija taghhom twieldet f' dik is-sena tal- 1849 gewwa l-isla fejn kienu joqghodu. Tfal kellhom bil-bosta, dawn kienu Emmanuel, Frangisku, Maria Carmela, Guzeppi, Cesare, Guzeppi, Gugliermo, Geraldu, Marija Gosefa, Maria Vittoria, Frangiska, Enriku, Lucija, Renaldu, u Maria Carmela.

L-istatwarju Senglejan Karlu Darmanin skolpixxza numru ta' statwi ghall-diversi knejjes madwar il-gzira taghna uhud minnhom titulari, sekondarju, vari tal-gimgha l-kbira u numru ta' statwi ohra. Wiehed ma jistax ma jsemmix l-istatwi titulari bhall-dik ta' San Gejtanu li tlestiet fl-1882, il-vara tas-Salvatur li tinsab meqjuma fil-knisja parrokkjali ta' Hal-Lija din kienet mahduma fl-1864, vara ohra titulari li hija wkoll xoghol ta' Karlu Darmanin hija dik ta' San Giljan li tlestiet fl-1893. Tliet statwi ohra titulari li huma wkoll kienu skolpiti minn Karlu Darmanin, izda mbaghad matul iz-zmien saru ohrajn minn flokhom huma dik ta' Santa Venera, din illum tinsab fi triq San Guzepp, Santa Margerita ta' Sannat Ghawdex u dik ta' San Leonardo ta' Hal Kirkop li din illum tinsab merfugha b' ghozza fis-sagristija. Fil-Qrendi nsibu l-vara sekondarja tal-Madonna ta' Lourdes li hija xoghol dan l-istatwarju bravu, din l-istatwa mill-isbah tlestiet fl-1878.

Tajjeb wiehed jghid li minn sett ta' 9 vari tal-gimgha l-kbira li jinsabu fil-knisja parrokkjali tal-Mosta, Karlu hadem 7 minnhom dawn huma Kristu fl-Ort, Kristu marbut mal-Kolonna, Kristu Inkurunat bix-Xewk, ir-Redentur, il-Veronika, il-Vara l-Kbira u dik ta' Duluri. F'Bormla l-vara ta' Kristu fl-Ort hija wkoll xoghol dan l-istatwarju tant bravu. Statwi ohra li wkoll hargu minn idejn Karlu huma l-Madonna ta' Ruzarju tal-Mellieha, tan-Naxxar u taz-Zurrieq u dik tal-Madonna tal-Qalb ta' Gesu ta' H'Attard, kif ukoll wiehed ma jridx jinsa diversi statwi ohra ghall-toroq u pjazez li jigu armati fi zmien il-festi f' numru ta' bliet u rhula Maltin u Ghawdxin.

Karlu Darmanin miet fis-26 ta' Novembru tal-1909 ta' 84 sena fid-dar 290, Triq il-Kbira l-Hamrun, fejn hemm kellu hanut ukoll. Karlu Darmanin jinsab midfun fic-cimiterju ta' Santa Marija Addolorata fil-qabar tal-Fratellanza tal-Hamrun, peress li kien jaghmel parti minnha.

Fi tmiem dan l-artiklu tieghi dwar l-Istatwarju Karlu Darmanin nawgura l-Festa t-Tajba lill-Hamrunizi kollha. Viva San Gejtanu

*Daniel Vella*
Prezentatur Mill-Briju tal-Banda Eden FM